# DIWI TA' KLIEM IL-PAPA

Jidher ċar li l-akbar biċċa xogħol li bi ħsiebu jagħmel il-Papa t'issa Ġwanni XXIII, hija l-għaqda flimkien tal-Knejjes kollha jew Djieniet Insara. Dal-Papa f'żogħżitu fiż-żmien twil li għadda f'Kostantinopli u f'Sofja u fil-Greċja wkoll, għaraf u ħabb lil dawk l-Insara mifrudin mill-Knisja ta' Ruma u tnisslet f'qalbu x-xewqa li jarahom jerġgħu jingħaqdu ħaġa waħda magħha. Għal hekk Ġwanni XXIII malli laħaq Papa stieden bil-qalb lill-Insara kollha biex jiltaqgħu u jaraw jistgħux jingħaqdu fi knisja waħda.

Hawnekk irridu ngħarrfu lil qarrejja tagħna xi ħaġa fuq kif kienet milqugħa s'issa l-istedina tal-Papa, kif jidher minn xi kitba mxandra f'xi gazzetti u rivisti, maħruġa minn Insara li m'humiex Kattolki, li jinsabu fix-Xerq Nofsani. Hi ħaġa magħrufa li l-għażla tal-Papa Roncalli bħala rajjes tal-Knisja Rumana ferħu biha l-Insara Xerqija kollha; imma l-istedina għall-għaqda tagħhom ma' Ruma kienet aktarx milqugħa xort'oħra. It-tweġibiet tagħhom jiswew biex jagħtu lil min jifhem kif jaħsbuha dawn l-aħwa tagħna mifruda.

Il-gazzetta Griega "Ethnos" li toħroġ kull jum, xandret ħames artikli fuq l-istedina tal-Papa. Min kiteb dawn l-artikli huwa tal-fehma li din il-għaqda tal-Kattolki mal-Ortodossi ma għandhiex issir. L-artikli nkitbu biex iħajru lill-Knisja Griega li ma tersaqx għat-taħdit mal-Knisja Rumana. Imma dil-gazzetta ma għandhiex hemma kbira, u anqas l-artikli ma huma miktuba minn xi teologu Grieg ta' ħila.

Gazzetta oħra Griega jisimha "Athinaiki" fissret aħjar l-istedina li l-Qdusija Tiegħu bagħat lil Patrijarka Grieg ta' Kostantinopli; il-Bejatitudni tiegħu Mons. Atanagora. Fost kliem ieħor dil-gazzetta qalet: "L-istedina tal-Papa ta' Ruma ma għandhiex tittieħed bħala kelma biss ta' bejn il-ħbieb, għax għandha tifsir wisq akbar minn hekk. Ma nkunux nitbegħdu mis-sewwa jekk ingħidu li kemm idum Papa Ġwanni XXIII, il-Vatikan ma jkunx magħdud bħala barrani għal knejjes Xerqija. Għandu jsir minn kollox biex iseħħ it-taħdit, ħalli jiltaħaq ftehim bejn Ruma u l-knejjes Ortodossi. Il-bidu tax-xogħol issa sar, u sar bl-istedina tal-Papa. Min-naħa tagħna kull ma jeħtieġ għal bidu ta' dil-ħidma, jinsab imħejji.

Ta' min igħid ukoll li għal kemm il-kittieb jistqarr fehemtu li l-knisja ta' Ruma tbiegħdet mit-Twemmin tas-Sewwa, b'dana kollu l-ħsieb ta' dal-artiklu juri rieda tajba, u l-kittieb igħid ċar li l-għaqda tal-Knisja Ortodossa mal-Knisja ta' Ruma hija ħaġa li tista' ssir. Dak li hu meħtieġ hija rieda tajba minnaħa l-waħda u l-oħra.

Il-Patrijarka Grieg ta' Kostantinopli fir-rsala jew messaġġ li bagħat lill-Insara tal-Knisja tiegħu, għall-Ewwel tas-Sena, wera l-ferħ tiegħu għall-istedina li bagħtlu l-Papa. Ftit mill-kliem tal-Patrijarka huwa dan: "La darba l-Knisja tagħna, Apostolka u Ekumenka, nitolbu bla hedu għall-għaqda bejn l-Insara, nilqgħu bil-ferħa kull sejħa għas-Sliem tal-Knisja. Il-ferħ tagħna hu akbar għax din is-sejħa ġiet minn Ruma, maqgħad qadim ta' xirka Nisranija.

F'gazzetta oħra jisimha "Orthodoxos Skipis" il-Professur Grieg Hamilkar Alivisatos, wieħed mill-aħjar Kanonisti tal-Knisja Ortodossa, kiteb li għal kemm hi ħaga li ssir dejjem li l-Papa malli jilħaq jibgħat jistieden lill-Insara tal-Knejjes l-oħra biex jingħaqdu ma' ta' Ruma, b'dana kollu din l-istedina

tal-Papa Ġwanni XXIII hi xi ħaġa akbar minn turija ta' qima. Dal-kittieb imma ma jaħsibx li ftehim tal-għaqda mal-knisja ta' Ruma u l-Knisja Ortodossa jista' jsir. Wara li jsemmi li l-fehma tal-Kattolki ta' kif għandha tkun il-Ġerarkija ma taqbelx ma' tal-Griegi, dal-Kanonista Grieg ifisser ruħu hekk: "It-tmexxija ta' l-Insara ma kenitx mogħtija minn Ġesù Kristu lill-Appostlu Pietru biss, imma lill-Appostli kollha mingħajr għażla bejniethom. U l-awtorità tal-Knisja, kif għandha tintired, ma ngħatatx biss lil-Papa bħala werriet ta' Pietru, imma lil kull Isqof, fuq is-sehem żgħir tal-merħla l-kbira li merħi f'idejh. Din hi l-qagħda tal-knisja tagħna, u minn dan ma tista' tbiddel xej, għax jekk tbiddel xi ħaġa tkun tnaqqas minnha nfisha. Ħaġa ċara li anqas il-Knisja ta' Ruma ma tista' tbiddel xejn; għal hekk sewwa l-istedina tal-Papa kemm il-laqgħa mill-Patrijarka tagħna, huma mejta.

F'gazzetta oħra li toħroġ kull jum, jisimha "Vima", dan il-Professur jarġa' jfisser il-fehma tiegħu, u jsemmi b' ħeġġa kbira f'iex il-Knisja Rumana u l-Knisja Griega ma jistgħux jaqblu.

Wara li jfisser il-fehma tiegħu ilgħaliex il-Knisja Griega ma tistax tieħu sehem fil-laqgħa Ekumenka mħabbra mill-Papa, il-Professur Alivisatos jistqarr dan: "La darba l-magħruf 'non possumus' (ma nistgħux) tal-Knisja Kattolka jitwieġeb bil-'non possumus' tal-Knisja Griega, jiġi minnu u jidher ċar li l-laqgħa Ekumenka ma tistax is-sir, u anqas ma tista' sseħħ l-għaqda bejn il-Knejjes Griega u Rumana.

F'rivista Griega jisimha "Ekklesia" maħruġa mill-knisja Ortodossa, kien hemm artiklu fuq dan miktub minn Theodosius Sperantes. Il-kittieb wara li semma li s-sejħa tal-Papa kienet milqugħa tajjeb mill-Ortodossi jgħaddi biex isemmi t-"toroq imgħawga" li minnhom tħalliet tgħaddi l-Knisja Kattolka. Dan it-"tagħwiġ" kif igħid il-kittieb, ifixkel wisq il-għaqda bejn iż-żewġ knejjes. Biex dil-għaqda sseħħ, ikun meħtieġ, li l-Knisja Kattolka tarġa' lura mill-għaltiet kollha tagħha.

L-Isqof Qopti Ortodoss ta' Ġerusalem, Mons. Gabrijiel Alamba, hu tal-fehma li l-laqgħa Ekumenka għandha ssir mill-aktar fis, biex l-Insara jfittxu jingħaqdu fi knisja waħda. Il-kliem tiegħu bil-fomm u bil-kitba magħruf mill- Insara kollha ta' Ġerusalem.

Fil-gazzetta bil-Għarbi msemmija "Falastin" fil-ħarġa tat-8 ta' April li għadda, li fiha wisq drabi kienu mfissrin il-fehmiet u x-xewqat tajba ta' dan l-Isqof fuq il-Għaqda tal-Knejjes, fost ħwejjeġ oħra hemm miktub dan: "B' xewqa ta' tama u mħabba nistiednu lil dawk li qegħdin imexxu l-knejjes, sewwa tax-Xerq kemm tal-Għarb, biex jibqgħu sejrin bil-ftehim tagħhom, biex ineħħu min-nofs malajr it-tfixkil li qiegħed iżomm li l-Insara ma jsirux kollha knisja waħda."

Minn dan kollu li għedna, ħaġa waħda tidher ċara: li l-istedina tal-Papa lil knejjes Xerqija, tajjeb jew ħażin, laqtet fejn kellha tolqot. Il-knejjes kollha stqarru li l-fehma tal-Papa Ġwanni XXIII hija fehma tajba, imma m'hux kollha jaqblu fuq li għandha tkun milqugħa l-istedina biex isseħħ il-għaqda. Aħna nissieħbu mal-Professur Alivisatos billi ngħidu bħalu: "Għal kemm it-tfixkil għal għaqda huwa kbir, **Ruħ il-Qodos li tonfoħ fejn trid,** u li ddawwal il-moħħ u ċċaqlaq il-qalb, tmexxi r-Rjus tal-Knejjes, li minnha għandhom il-ħajja, lejn dik il-għaqda li jrid Alla, **li jixtieq li n-ines kollha jkunu mirbuħa biex jaslu għat-tagħrif tas-sewwa u jingħaqdu f'għaqda waħda.**

Ignazio Mancini